MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 1352/1998/1

**Magro Brothers (Marketing) Limited**

**v.**

1. **Anthony Azzopardi f'ismu proprju u f'isem id-ditta A.A. Food Imports li taghha huwa proprjetarju;**

2. **Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA` ATTRICI**

1. B'citazzjoni taghha quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili s-socjeta` attrici kienet talbet illi l-konvenut Anthony Azzopardi proprio et nomine jigi mharrek quddiem il-Qorti u hemmhekk, premessi d-dikjarazzjonijet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-konvenut Anthony Azzopardi proprio et nomine talab ir-registrazzjoni tat-trademark *A.A. Food Imports* u dan a rigward ta' l-oggetti specifikati fl-istess applikazzjoni numru 27697 skond l-avviz fil-gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Marzu, 1998; u peress illi s-socjeta` attrici ghamlet att ta' opposizzjoni ghat-talba tal-konvenut proprio et nomine fuq indikata b'ittra datata 9 ta' April, 1998; u peress illi l-istess konvenut proprio et nomine ghamel kontro-dikjarazzjoni ghall-att ta' opposizzjoni datata 12 ta' Mejju, 1998 u giet notifikata lis-socjeta` attrici permezz ta' ittra tal-konvenut l-iehor hawn appellat il-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali datata 20 ta' Mejju, 1998; u peress illi s-socjeta` attrici ghandha interess tinsisti fl-opposizzjoni taghha ghar-registrazzjoni tat-trademark *A.A. Food Imports* kif applikata u riportata stante li kwazi identika ghat-trademarks tas-socjeta` attrici numri 21731 u 21732 taht klassi disgha u ghoxrin (29) u tletin (30); u peress illi ghalkemm l-applikazzjoni tal-konvenut proprio et nomine taqa' taht klassi sittax (16) m'ghandux dritt jitlob l-istess registrazzjoni ghax b'hekk tkun qed tigi krejata konfuzjoni fis-suq u tqarraq bil-konsumatur u dana sabiex javvantaggja ruhu indebitament mill-isem, reputazzjoni u riklamar tal-prodott tas-socjeta` attrici bi trademark kwazi identika, u dana ghad-detriment ta' l-interess tas-socjeta` attrici; u peress illi s-socjeta` attrici gabet garanzija adegwata ghall-ispejjez ta' din il-kawza; s-socjeta` attrici talbet li l-konvenut proprio et nomine jghid ghaliex dik il-Qorti ma kellhiex tordna illi l-applikazzjoni tat-trademark numru 27697 ghat-trademark *A.A. Food Imports* ma tigix milqugha. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI PROPRIO ET NOMINE**

2. Il-konvenut Anthony Azzopardi proprio et nomine eccepixxa illi:- (1) Id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt

u fid-dritt stante li l-ismijiet u ittri uzati huma kliem generali u bl-ebda mod ma jixxiebhu mal-marki ta' l-attur; (2) Dawn il-marki huma kjarament distintivi u ma ghandhom ebda xebh wahda ma' l-ohra tant li minkejja l-opposizzjoni ta' l-attur il-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali hass li huwa ghandu jirregistra l-marka tal-konvenut kif jirrizulta mill-Industrial Property Office; (3) Salv eccezzjonijiet ohra.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza taghha tat-12 ta' Ottubru, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba tas-socjeta` attrici u ordnat li ma tintlaqax it-talba tal-konvenut Anthony Azzopardi ghar-registrazzjoni tat-trademark *A.A. Food Imports* bl-ispejjez kollha, inkluz ukoll dawk tal-konvenut Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali, kontra l-istess konvenut Anthony Azzopardi.

**L-APPELL TAL-KONVENUT PROPRIO ET NOMINE**

4.1. Il-konvenut proprio et nomine hassu aggravat b'din is-sentenza tat-12 ta' Ottubru, 2001 u ghalhekk interpona appella minnha quddiem din il-Qorti ta' l-Appell fuq l-aggravji segwenti.

4.2. Preliminarjament irid jigi rilevat illi peress illi l-kawza odjerna giet intavolata fl-1998 skond l-Artikolu 91 tat-*Trademarks Act 2000* dawn il-proceduri ghandhom ikunu soggetti ghal-ligi applikabbli qabel is-sena 2000 u cioe` l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta` Industrijali ta' l-1900 (Kap. 29) u specifikatament Taqsima III ta' l-istess Ordinanza;

Illi l-konsiderazzjonijiet li bihom il-Prim Awla tal-Qorti Civili waslet ghad-decizjoni taghha illi l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni tat-trademark ta' l-appellant pro et noe m'ghandux jintlaqa' kienu tnejn u cioe` (i) illi "*hemm xebh bizzejjed biex johloq konfuzjoni ghax il-fattur distintiv – l-isem "AA" – huwa fiz-zewg kazijiet l-istess*"; u (ii) illi "*Il-prodotti ta' l-attrici, izda, huma hwejjeg ta' l-ikel, u l-konvenut ukoll ghandu l-hsieb li jinqeda bil-marka tieghu fil-qasam ta' hwejjeg ta' l-ikel, kif jixhed il-kliem A.A. Food Imports*";

4.3. Illi fl-ewwel lok irid jinghad illi *prima facie* l-marka ta' l-appellant kienet wahda registrabbli bhala trademark ai termini ta' l-Ordinanza ta' l-1900 u fil-fatt fil-waqt illi tissodisfa l-kriterji mehtiega ghar-registrazzjoni ta' trademark taht l-Artikolu 80 *et sequitur* ta' l-istess Ordinanza, il-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali kien accetta illi tigi registrata kif jidher mill-ittra ta' l-istess Kontrollur datata 22 ta' Dicembru, 1997.

Illi ghalhekk kull allegazzjoni illi marka ma tistax tigi registrata ghaliex tista' tikkreja xi konfuzjoni fis-suq trid tigi ppruvata mis-socjeta` attrici. Fil-fatt mill-provi migbura fil-kawza appellata s-socjeta` attrici ma gabet l-ebda prova illi kien qed jinholoq xi konfuzjoni fis-suq u ghalhekk l-ewwel Qorti qatt ma setghet tiddeciedi illi "*hemm xebh bizzejjed biex johloq konfuzjoni*" fid-dawl tal-provi migbura;

4.4. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju l-possibilita` ta' konfuzjoni bejn it-trademark tas-socjeta` attrici appellata u dik ta' l-appellant m'hijiex reali u fil-fatt ma tezistix u dan ghar-ragunijiet segwenti:
(i) Illi l-ewwelnett, it-trademarks tas-socjeta` attrici u dik ta' l-appellant huma tant differenti, kemm fid-dehra, kif ukoll fil-kliem illi jinkludu illi qatt ma jistghu joholqu xi tip ta' konfuzjoni;

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza illi filwaqt illi l-Qorti ghandu jkollha diskrezzjoni assoluta meta tkun qed tikkonsidra jekk zewg marki humiex simili tant illi jistghu joholqu konfuzjoni, (*Wagamama vs City Centre Restaurants*-1995-F.S.R. 42), il-Qorti ghandha tezamina t-trademarks "as a whole" (ara *William Bailey (Birmingham) Ltd's Application* – [1935] R.P.C. 136) u mhux kif ghamlet l-ewwel Qorti illi kkunsidrat biss parti mit-trademarks in kwistjoni fejn qalet "*hemm xebh bizzejjed biex johloq konfuzjoni ghax il-fattur distintiv – l-isem "AA" – huwa fiz-zewg kazijiet l-istess"*.

Illi filwaqt illi t-trademark tas-socjeta` attrici tikkonsisti fil-kliem "a.a. Premium Brand" go bordura forma ta' djamant, dik ta' l-appellant hija differenti ferm ghaliex tikkonsisti fil-kliem "A.A. Food Imports" go forma cirkolari, u mehudin

“as a whole” dawn iz-zewg trademarks huma tant differenti illi zgur illi ma jistghux joholqu konfuzjoni. Tant iktar meta wiehed jikkonsidra l-uzu differenti ta’ dawn il-marki kif spjegat aktar ’l fuq;

(ii) Illi fil-fatt kif jirrizulta mill-fatti tal-kaz, partikolarment mix-xiehda ta’ Ronald Galea (16 ta’ Frar, 2001) ghas-socjeta` attrici u ta’ l-appellant Anthony Azzopardi (16 ta’ Frar, 2001) filwaqt illi s-socjeta` attrici tuza t-trademark taghha billi twahhal permezz ta’ labels l-istess trademark fuq il-prodotti kollha illi timporta u tbiegh fis-suq lokali, l-appellant ma (sic) juza l-isem “*A.A. Food Imports*” biss bhala tradename, u cioe` bhala isem ta’ ditta;

Illi ghalhekk filwaqt illi s-socjeta` attrici tuza l-isem “*a.a. Premium Brand*” strettament bhala trademark fis-sens tradizzjonali, l-appellant juza l-marka tieghu biss bhala tradename u dan ai termini tal-paragrafu (a) ta’ l-Artikolu 80 ta’ l-Att ta’ l-1900 illi jghid illi trademark jinkludi “*l-isem ta’ persuna jew id-ditta ta’ socjeta` kummercjali, stampati, impressi, jew minsuga b’xi mod partikulari u li jintgharaf minn ohrajn*”;

(iii) Illi fil-fatt jirrizulta ukoll mill-provi, illi filwaqt illi s-socjeta` attrici appellata rregistrat t-trademark taghha fil-klassijiet 29 u 30 ghall-prodotti ta’ l-ikel u xorb, l-appellant applika ghar-registrazzjoni tal-marka tieghu biss fil-klassi numru 16 ghal oggetti stampati u dan ghaliex ried juza t-trademark tieghu fuq il-letterheads u business cards bhala l-isem tad-ditta li jopera tahtha. Ghalhekk qatt ma jista’ jinholoq konfuzjoni (sic) fis-suq peress illi t-tradename ta’ l-appellant qatt ma huwa ser jidher fil-hwienet jew stabbilimenti ta’ l-ikel flimkien ma’ dik tas-socjeta` attrici appellata;

(iv) Illi minn informazzjoni illi giet a konjizzjoni ta’ l-appellant recentement u cioe` xehed fil-kawza appellata, s-socjeta` atrici sahansitra ma ghadhiex tuza t-trademark taghha billi twahhal il-‘labels’ imsemmija fuq il-prodotti illi tiddistribwixxi fil-hwienet lokali u ghalhekk il-possibilita` ta’ konfuzjoni issa hija aktar u aktar impossibbli;

4.5. It-tielet aggravju ta’ l-appellant huwa fil-konfront tal-konsiderazzjoni illi “l-isem AA” huwa fih innifsu “fattur distintiv” li jimplika li dan l-isem fih innifsu jisthoqqlu l-protezzjoni bhala oggett ta’ proprjeta` industrijali. Din il-konsiderazzjoni hija zbaljata fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti:

(i) Illi filwaqt illi z-zewg marki in kwistjoni jinkludu l-ittra “A” ripetuta darbtejn, dawn l-ittri ma humiex hlief l-inizjali ta’ ismijiet tal-fundaturi tad-ditti rispettivi u ghaldaqstant dawn l-ittri wahedhom ma ghandhom ebda karatteristika distintiva jew kuncett astratt illi huma mehtiega sabiex kelma jew kliem jew sinjali ohra jkunu jistghu <u>wahedhom</u> jikkwalifikaw bhala trademark;

Illi fil-fatt hija haga komuni illi r-registrazzjoni ta’ tali inizzjali jew marki ohra bla karatteristici distintivi (bhalma huma kunjomijiet, inizjali jew kliem deskrittivi) jkunu permessi biss kif distintement riprodotti u ma tinghata ebda esklussivita` ghall-uzu ta’ tali ittri jew marki ohra;

Fil-fatt, it-*trademark* tas-socjeta` attrici “*a.a. Premium Brand*” hija registrata b’kondizzjoni ta’ din in-natura: “*The label is registered <u>as a whole</u> with no right to the exclusive use of any words, numerals or letters appearing on it* ***except the letter ‘a’ as distinctively reproduced***.”

Illi l-appellant ghandu jinghata l-fakolta` illi juza l-inizzjali tieghu fin-negozju tieghu, dment illi l-mod kif jimmanifesta u jirrapprezenta dawk l-inizjali ma jkunx bl-istess karatteristici distintivi ta’ l-ohrajn.

Illi fil-fatt hemm diversi intraprizi illi joperaw fis-suq lokali bl-isem “AA” kif wiehed jista’ jara kemm mid-direttorju tat-telefon ippubblikat mill-Maltacom plc u mill-“Yellow Pages” ippubblikata minn Ark Publishing;

Illi fil-kaz odjern mhux talli l-inizjali ta’ l-appellant huma rapprezentati b’mod kompletament differenti izda huma wkoll rapprezentati flimkien ma’ kliem ohra (Food Imports)

illi ma ghandhom xejn x'jaqsmu mat-trademark tas-socjeta` attrici appellata.

(ii) Illi in oltre huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrali illi kliem, ittri jew sinjali ohra illi ma jkunux distintivi jistghu jigu monopolizzati minn negozjant partikolari bhala *trademark* tieghu jekk dawn il-kliem, ittri jew sinjali ohra jassumu "*a secondary meaning*" f'mohh il-konsumaturi tal-prodotti in kwistjoni (*Colombos noe vs Spiteri Mallia pro et noe* (14.03.40 – Vol. XXX-1-858; *Avukat Dottor Austin Sammut noe vs Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali* (09.12.94 Vol LXXVIII-II-250);

Illi ghalhekk sabiex is-socjeta` attrici tkun tista' twaqqaf lill-appellant milli juza l-ittri "a.a." din kellha tipprova illi b'xi mod jew iehor dawn l-ittri assumew fost il-konsumaturi relattivi xi tip ta' "secondary meaning" li permezz taghha l-istess konsumaturi jassoccjaw l-ittri "a.a." esklussivament mas-socjeta` attrici;

Illi s-socjeta` attrici ma gabet ebda prova f'dan is-sens kif jidher mill-provi migbura fil-kawza appellata;

4.6. Illi tenut ic-cirkostanzi tal-kaz kif spjegati hawn fuq id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti illi ma tippermettix ir-registrazzjoni tal-marka ta' l-appellant proprio et nomine hija wahda illi taghti monopolju ngustifikabbli lill-attur fuq l-inizjali tieghu ad eskluzjoni ta' kull persuna ohra illi ghandha l-istess inizjali.

4.7. Illi minn informazzjoni lli giet a konjizzjoni ta' l-appellant recentement is-socjeta` attrici appellata ma ghadhiex tuza t-trademark taghha *a.a. Premium Brand*. Illi ghalhekk minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` attrici appellata m'ghandhiex aktar interess illi topponi ghar-registrazzjoni tat-'trademark' ta' l-appellant proprio et nomine "*A.A. Food Imports*" taht dawk il-kundizzjonijiet u provvedimenti illi jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant l-appellant proprio et nomine talab din il-Qorti joghgobha:-

i. tirrevoka s-sentenza appellata tat-12 ta' Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi fil-waqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut esponent proprio et nomine, tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici.

ii. tordna lill-appellat l-iehor il-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali jilqa' l-applikazzjoni numru 27697 ghar-registrazzjoni tat-trademark *A.A. Food Imports* ta' l-esponent proprio et nomine u li ghalhekk fi zmien qasir u perentorju jirregistra l-istess trademark.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAS-SOCJETA` ATTRICI APPELLATA GHALL-APPELL MAGHMUL MINN ANTHONY AZZOPARDI PROPRIO ET NOMINE**

5. Is-socjeta` attrici appellata wiegbet hekk:

5.1. Illi s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili datata 12 ta' Ottubru, 2001 hija gusta u timmerita konferma.

5.2. Illi huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza nostrali li din il-Qorti ma tiddisturbax il-konkluzjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili hekk essenzjalment bazata fuq apprezzament ta' provi u ezercizzju ta' diskrezzjoni da parti taghha. Dan huwa proprio l-kaz in dezamina. L-atturi appellati jaghmlu riferenza ghal numri ta' sentenzi moghtija minn dawn il-Qrati f'dan is-sens.

5.3. Dwar l-ewwel aggravju illi hija din il-Qorti li hija l-gudikatur tal-konfuzjoni o meno fuq ix-xebh bejn iz-zewg marki. Il-konkluzjoni hija taghha u kellha kull dritt li tasal ghal dik il-konkluzjoni. Ikkonkludiet li z-zewg marki joholqu konfuzjoni, aktar u aktar meta l-ittri huma identici u z-zewg partijiet joperaw fl-istess generu ta' prodott.

5.4. Dwar it-tieni aggravju, l-konvenut appellant ipprova jaghti l-impressjoni li l-marka minnhom mitluba kienet ser tintuza fuq stationery u business cards biss. Kien ser juzaha bhala 'trade name' u talab ir-registrazzjoni taghha taht klassi differenti. Pero` b'kumbinazzjoni l-prodotti

minnu negozjati jaqghu fl-istess klassijiet li tahthom hija registrata t-trademark tas-socjeta` appellata. X'garanzija ser ikun hemm li l-konvenut appellant ser jillimita ruhu ghal semplici letterhead!

5.5. Illi l-informazzjoni li ghandu l-appellant dwar l-uzu o meno da parti tas-socjeta` appellata ma tistax tingieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti. Dana peress li dan l-istadju si tratta ta' doppio esame. Apparti dan, din l-informazzjoni hija inveritiera ghal kollox. Anke kieku ghal grazzja ta' l-argument kien hekk, xorta wahda ma jistax l-appellant ikollu wahda bhala.

5.6. Dwar it-tielet aggravju, illi qed issir enfasi partikolari mill-appellant dwar l-ittri "AA". Huma preciament dawn iz-zewg ittri li huma distinti. Il-kliem l-ohra huma speci ta' sekondarji ghalihom. It-trademark tas-socjeta` appellata ilha registrata ghal zmien ferm qabel ghal applikazzjoni ta' l-appellant. Hija aktar, fis-suq, rinomata u b'certa reputazzjoni. L-appellant qed jipprova jipprofitta ruhu minn dak li jappartjeni unikament lis-socjeta` appellata. X'jirrizulta fil-'Yellow Pages' huwa 'res inter alios acta'. Jekk tigi accettata t-tezi konvenuta, allura jkun hemm kaz ta' abbuzi serji fejn applikant jaltera xi haga minima minn marka ezistenti bl-iskuza li hija differenti. Dan huwa anzi dak li l-ligi ma tridx.

5.7. Jigi ribadit li l-uzu da parti ta' l-appellat ma jagevola bl-ebda mod u manjiera lill-konvenut. Il-marka hija ta' l-esponent u juzufurwixxi minnha fit-termini tal-ligi. Mhux tenuta taghti rendikont ta' l-uzu lill-konvenut.

Ghaldaqstant is-socjeta` appellata tissottometti li din il-Qorti ghandha tikkonferma s-sentenza moghtija fit-12 ta' Ottubru 2001 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sens li tilqa' t-talbiet attrici u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut appellant.

Ma jidhirx li saret risposta min-naha tal-konvenut appellat, Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali, ghalkemm jidher li dan gie debitament notifikat bl-appell.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Dan hu appell da parti tal-konvenut proprio et nomine minn sentenza dwar registrazzjoni ta' "*trade-mark*" mal-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali.

Fil-qosor, il-vertenza originat mill-fatt li s-socjeta` attrici appellata oggezzjonat ghal talba maghmula mill-konvenut Anthony Azzopardi pro et nomine biex tigi registrata *trade mark* bl-isem "*A.A. Food Imports*" taht klassi 16 tat-Taqsima III ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta` Industrijali ta' l-1900 (Kap 29) – illum sostitwita bit-Trademarks Act 2000 – Artikolu 80 *et sequitur* (talba numru 27697). Is-socjeta` attrici opponiet ghal din it-talba peress li skond hi, tali "*trade mark*" kif proposta kienet simili kwazi f'kollox lit-*trade mark* taghha (numru 21731 u 21732), registrata taht klassi 29 u 30 tal-ligi *<u>de</u> <u>quo</u>*. L-ewwel Qorti laqghet l-opposizzjoni tas-socjeta` attrici.

L-aggravji ta' l-appellant konvenut proprio et nomine huma tlieta, jigifieri:

(I) li t-*trade mark* kif proposta mill-appellant proprio et nomine kienet wahda registrabbli ai termini ta' l-Ordinanza ta' l-1900 billi kienet tissodisfa l-kriterji mehtiega ghal fini ta' registrazzjoni taht l-Artikolu 80 *et sequitur* , u fil-fatt il-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali kien diga` accettaha. Prova li tali registrazzjoni kienet ser tohloq konfuzjoni fis-suq ma tirrizultax.

(II) li l-possibilita` ta' konfuzjoni bejn iz-zewg "*trademarks*" la kienet wahda reali u lanqas ma tezisti bhala fatt, u dan ghaliex

(a) iz-zewg "*trade marks*" huma differenti hafna minn xulxin u kwindi ebda tip ta' konfuzzjoni ma hija possibbli;

(b) l-uzu li jsir mit-"*trade mark*" taghha da parti tas-socjeta` appellata kien differenti minn dak li kien fi hsiebu jaghmel l-appellant mit-"*trade mark*" tieghu, jigifieri dak li juzaha biss bhala "*trade name*";

(c) filwaqt li l-konvenut proprio et nomine talab li jirregistra t-"*trade mark*" taht klassi 16 ghal oggetti stampati, dik

attrici giet registrata taht klassijiet 29 u 30, jigifieri ghal kategorija dwar prodotti ta' l-ikel u xorb;
(d) minn taghrif li ghandu l-appellant, is-socjeta` attrici appellata m'ghadhiex taghmel uzu mit-*trade mark* bhalma kienet taghmel qabel.

(III) il-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar l-isem "AA" fis-sens li dan l-isem fih innifsu huwa "fattur distinitv" kienet wahda legalment zbaljata. Bis-sentenza taghha, l-appellant proprio et nomine qieghed jissottometti, li l-ewwel Qorti giet li qeghdha taghti monopolju ingustifikabbli lis-socjeta` attrici ad eskluzjoni ta' kull persuna ohra li ghandha l-inizjali ta' isimha "AA" – haga li mhiex lecita.

7. Min-naha taghha, s-socjeta` attrici appellata wiegbet li s-sentenza appellata kienet wahda gusta; li d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti ma kellhiex tigi ddisturbata; li l-ewwel Qorti kellha kull dritt tasal ghall-konkluzjoni li kien hemm xebh bejn iz-zewg "*trade marks*"; li ma hemm ebda garanzija li l-konvenut appellant pro et nomine kien ser jillimita l-uzu tat-"*trade mark*" biex sempliciment jistampaha bhala "*letter-head*"; li lanqas kien veru ghal kollox li jinghad li s-socjeta` attrici ma kenitx baqghet taghmel l-istess uzu tat-"*trade mark*" taghha kif kienet taghmel in precedenza. Is-socjeta` appellata tiddubita wkoll kemm hu minnu li l-appellant proprio et nomine kien ser jillimita biss l-uzu tat-"*trade mark*" li ried jirregistra ghall-"*letter-heads*" tas-socjeta` u dana bil-kontra ta' dak li asserixxa l-appellant proprio et nomine. Is-socjeta` appellata tinsisti fl-ahharnett li z-zewg ittri "A.A." riportati fuq it-"*trade mark*" taghha "huma precizament dawn iz-zewg ittri li huma distinti (sic). Il-kliem l-ohra huma speci ta' sekondarji ghalihom". It-"*trade mark*" taghha inoltre ilha tezisti fis-suq, hi maghrufa u akkwistat reputazzjoni.

8. Din il-Qorti, wara li ezaminat is-sentenza appellata fid-dawl tas-sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti, ikollha tikkonfessa l-perplessita` taghha ghall-konkluzjoni finali milhuqa mill-Qorti ta' l-ewwel grad, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet li dik l-istess Qorti rrilevat bhala parti mill-motivazzjoni (wahda xotta ghall-ahhar) li nducietha

biex finalment tilqa’ t-talba attrici u tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

9. L-ewwel Qorti bdiet biex ippremettiet li l-pern tal-kwistjoni kien jiccentra fuq iz-zewg ittri “aa” u sa hawn l-ewwel Qorti hija korretta. Imbaghad dik il-Qorti ghaddiet biex tissenjala numru ta’ differenzi bejn iz-zewg marki, kif ser jinghad. L-ewwel Qorti fil-fatt sabet li kienu jezistu differenzi bejn il-mod kif dawn iz-zewg ittri jidhru fit-“*trade mark*” tas-socjeta` attrici appellata minn dik proposta mill-kontroparti appellanti. Di fatti, l-ewwel Qorti elenkat id-differenzi li gejjin:
(i) il-forma (taz-zewg ittri) hija cirkolari fil-kaz tal-konvenut u forma ta’ djamant fil-kaz ta’ l-attrici;
(ii) li fit-“*trade mark*” ta’ l-appellant pro et nomine hemm il-kliem “*A.A. Food Imports*”, filwaqt li fil-kaz tas-socjeta` attrici hemm il-kliem “*Premium Brand*”;
(iii) it-tipa fiz-zewg kazi hija differenti.

Wara tali tlett kostatazzjonijiet, li fil-fehma tal-Qorti huma pertinenti hafna ghall-kaz, l-ewwel Qorti marret fid-direzzjoni opposta in kwantu li, in segwitu, spiccat biex ikkonkludiet hekk,
“Madankollu fil-fehma tal-qorti hemm xebh bizzejjed biex johloq konfuzjoni ghax il-fattur distinitv – l-isem “AA” – huwa fiz-zewg kazijiet l-istess”.

10. Issa, trattandosi hawn ta’ zewg ittri li huma “*in common use*”, ghandu jkun ovvju li hadd ma huwa ntitolat bil-ligi li jarrogahom interament ghalih ad eskluzjoni ta’ haddiehor. Fil-fatt jekk wiehed jezamina taht liema kundizzjoni nharget it-“*trade mark*” li s-socjeta` appellata riedet tipprotegi a tenur tal-Kap. 29 tal-Ligijiet ta’ Malta jirriskontra s-segwenti – hekk ara Dok. E, a fol. 11 tal-process intitolat “*Notification of Registration*” l-ahhar paragrafu,
“*The label is registered as a whole <u>with no right to the exclusive use of any wors</u>* (<u>recte</u> “*words*”), *numerals <u>or letters appearing on it except the letter ‘a’ as distinctively reproduced</u>*.” (Sottolinear tal-Qorti).

Mis-suespost – kondizzjoni mill-izjed cara u netta – jirrizulta li l-esklussivita` moghtija lis-socjeta` attrici relativament ghall-ittri "aa" kienet qeghda tirreferi ghall-mod kif dawn jinsabu riportati grafikament u vizwalment fuq it-"*trade mark*" u mhux semplicement ghat-tqeghid taghhom magenb ta' xulxin, wahda wara l-ohra. Issa meta tabbina dan il-fatt hekk importanti mal-konsiderazzjonijiet l-ohra li l-ewwel Qorti stess rrilevat in linea ta' differenzi li jezistu bejn marka u ohra, u ma' dawn izzid li l-konvenut jismu Anthony Azzopardi, kif ukoll li dan applika taht klassi ta' prodotti differenti minn dik moghtija lis-socjeta` appellata, din il-Qorti assolutament ma tifhimx kif setghet tintlaqa' t-talba attrici in opposizzjoni ta' l-applikazzjoni maghmula mill-appellant proprio et nomine. Lanqas hu l-kaz li ssir xi ndagni jekk dawn iz-zewg ittri assumewx xi "*secondary meaning*" ghaliex l-istess socjeta` appellata ma ppretendietx daqstant imma semplicement immanifestat il-preokkupazzjoni taghha ghal possibilita` li b'xi mod (u fil-futur) l-appellant pro et nomine jista' jikkonkorri maghha fis-suq lokali b'mod zleali – fatt li sa issa ma jirrizultax sufficjentement.

11. L-ahhar motivazzjoni ta' l-ewwel Qorti wkoll bir-rispett kollu tippekka mill-istess difett surreferit.

Fil-fatt, l-ewwel Qorti tkompli hekk,
"Huwa minnu wkoll li l-klassi tal-prodotti li ghalihom ghamel it-talba l-konvenut hija differenti minn dik ta' l-attrici. Il-prodotti ta' l-attrici, izda, huma hwejjeg ta' l-ikel, u l-konvenut ukoll ghandu l-hsieb li jinqeda bil-marka tieghu fil-qasam ta' hwejjeg ta' l-ikel, kif jixhed il-kliem A.A. Food Imports" (Sottolinear tal-Qorti).

12. Jigi rilevat li stricto iure hawnhekk mhix qeghda tigi kkunsidrata l-azzjoni ta' konkorrenza zleali taht il-Kodici tal-Kummerc imma l-ligi specjali rigwardanti l-protezzjoni ta' proprjeta` industrijali – li m'hijiex l-istess haga. Jekk talvolta ghad jirrizulta li l-appellant pro et nomine beda jhaddem u jutilizza t-"*trade mark*" tieghu b'mod illecitu a detriment tas-socjeta` attrici, xorta wahda din jibqaghlha kwalsiasi dritt li tagixxi kontra tieghu, imma mhux permezz ta' l-azzjoni in ezami. Ibda biex wiehed ma jridx jinsa li l-

appellant proprio et nomine applika taht klassi differenti u ghalhekk huwa tenut bil-ligi li jmexxi n-negozju tieghu konformement.

13. Fl-ahharnett, u dan qed jinghad ghar-raguni li fir-risposta taghha sar accenn dwaru min-naha tas-socjeta` appellata, ghalkemm huwa minnu li din il-Qorti hija normalment riluttanti li tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Qorti ta’ l-ewwel grad pero` dan hu hekk kemm-il darba ma jkunx hemm raguni jew ragunijiet serji bizzejjed – kif inhuwa proprju il-kaz in ezami – li jesigi revizjoni minn kif deciz mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi filwaqt li tilqa’ l-appell tal-konvenut proprio et nomine, tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici u tordna ghalhekk lill-appellat l-iehor il-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali sabiex jilqa’ l-applikazzjoni numru 27697 ta’ l-appellant proprio et nomine ghall-fini ta’ registrazzjoni tat-“*trade mark*” kif minnu mitlub – bl-ispejjez taz-zewg istanzi a kariku unikament tas-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------